



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14207/19

Fajl Interistituzzjonali:
2012/0324 (NLE)

AVIATION 231
RELEX 1053
ISR 2
OC 13

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL(UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
min-naħa l-waħda, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens ta'... (għadu ma ġiex ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra,¹ (il-'Ftehim') ġie ffirmat fil-10 ta' Ġunju 2013, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/398/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill².
- (2) Il-Ftehim ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja, li taderixxi mal-Ftehim f'konformità mal-Att tal-Adeżjoni tal-2012. Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-gvern tal-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, sabiex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja³ ġie ffirmat fid-19 ta' Frar 2015 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/372⁴.

¹ ĠU L 208, 2.8.2013, p. 3.

² Id-Deċiżjoni 2013/398/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra (ĠU L 208, 2.8.2013, p. 1).

³ ĠU L 64, 7.3.2015, p. 3.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/372 tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 64, 7.3.2015, p. 1).

- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (4) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni li t-territorji li ġew f'idejn l-amministrazzjoni ta' Iżrael f'Ġunju 1967 mhumiex parti mit-territorju tal-Istat ta' Iżrael.
- (5) L-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2013/398/UE jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet u dwar ir-rappreżentanza fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet stipulati fil-Ftehim. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 2015 fil-Każ C-28/12¹, *il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet titwaqqaf. Wara li ġew ikkunsidrati t-Trattati, mhumiex meħtieġa dispożizzjonijiet ġodda dwar dawk il-kwistjonijiet u mhumiex aktar meħtieġa d-dispożizzjonijiet dwar l-ġhoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni stipulat fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2013/398/UE. Konsegwentement, jenħtieġ li l-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 4 u l-Artikoli 5 u 6 tad-Deċiżjoni 2013/398/UE jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 2015, *il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, Kawża C-28/12, ECLI:EU:C:2015:282.

Artikolu 1

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 30(2) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont il-punt (a) tal-Artikolu 27(6) tal-Ftehim dwar l-inklużjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni fl-Anness IV għall-Ftehim, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni, wara li tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni lill-Kunsill jew il-korpi preparatorji tiegħu, kif deċiż mill-Kunsill.

¹ Il-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 208, 2.8.2013, p. 3, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

Artikolu 4

Il-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 4 u l-Artikoli 5 u 6 tad-Deċiżjoni 2013/398/UE għandhom jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President
